MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 8(2010), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Erbgħa, it-30 ta' Ġunju 2010, fil-4.45 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Arranġamenti Permanenti għat-*Traffic Management* f'Marsaxlokk
6. Bankina f'Triq Axtart u Toroq Oħra
7. Banda Belġjana
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 7(2010) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Dwar Para. 8.1 (appell kontra l-approvazzjoni tal-permess tal-estensjoni tal-*Power Station* mill-MEPA*)*, il-Viċi-Sindku nforma 'l Kunsill li kellu jħallas is-somma ta' €1,660.40 sabiex jibda l-proċess tal-appell.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jirranġa laqgħa mas-Sur Julian Zarb, id-Direttur tat-Turiżmu, dwar l-inizzjattiva proposta għal itinerarji u programmi li jistgħu jiġu offerti lit-turisti.

**4.3** Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub jinforma lill-Perit Lara Demicoli ta' Transport Malta li meta tneħħew il-*plateaux* tal-*bricks* fi Triq Santa Katerina, il-Kunsill kien għamel *road hump* fil-bidu ta' din it-triq. Wara li l-Kunsill kien irċieva bosta lmenti dwarha,

din kellha titneħħa. Issa li l-Kunsill dalwaqt ser iqabbad kuntrattur għar-*resurfacing* ta' toroq, il-Kunsill bi ħsiebu jinkludi max-xogħlijiet *road hump* oħra minflokha.

**4.4** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jinforma lis-Sur Oliver Lautier tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjiet Rurali li xtaq li l-bankijiet ta' mal-baħar f'Xatt is-Sajjieda jkunu wkoll tal-injam.

**4.5** Minħabba diversi lmenti li l-Kunsill kien irċieva dwar iċ-ċaqliq tal-*Bus Stop* li qabel kien jinsab quddiem l-Għassa tal-Pulizija f'Xatt is-Sajjieda u issa tpoġġa quddiem Triq il-Luzzu, il-Kunsill qabel li dan jersaq lura żewġ kaxxi tal-parkeġġ biex b'hekk jiskapula Triq il-Luzzu.

**4.6** Il-Kunsill qabel li jħallas somma ta' €38 lil Antonia (Nina) Caruana minħabba danni kkawżati lil wieħed mit-*tyres* tal-karozza tagħha waqt li kienu qed isiru xogħlijiet fuq il-bankini f'Triq Melqart.

**4.7** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lil Transport Malta li ma kellux oġġezzjoni dwar il-proposta li titwaqqaf rotta għal *Trackless Train* f'Marsaxlokk.

## 5. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku

**5.1** Fil-21 ta' Ġunju 2010, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew attivita' li fiha is-Segretarju Parlamentari, Dr Chris Said, kien qassam il-Fondi Speċjali għal Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali. Il-Kunsill Lokali Marsaxlokk kien ibbenefika mis-somma ta' €10,000 għat-tindif tax-Xatt wara li jżarma s-suq ta' nhar ta' Ħadd.

**5.2** Fit-18 ta' Ġunju 2010, is-Sindku, il-Membri l-oħra tal-Kunsill (minbarra l-Kunsillier Cassar) u s-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu mas-Sur Oliver Lautier tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjiet Rurali sabiex joġġezzjonaw li Xatt is-Sajjieda jerġa' jingħalaq għat-traffiku fil-Ħdud minkejja li x-xogħol tal-kisi mill-ġdid ta' wiċċ din it-triq kien ġa tlesta.

## 6. Arranġamenti Permanenti għat-*Traffic Management* f'Marsaxlokk

**6.1** Il-Kunsill qabel li waqt il-laqgħa li kellha ssir dwar dan is-suġġett għand Transport Malta nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Lulju 2010, il-Kunsill jinsisti li Triq l-Arznell ma ssirx *two-way* jekk Triq Barthelemy ma tinfetaħx għal Triq iż-Żejtun.

## 7. Bankina f'Triq Axtart u Toroq Oħra

**7.1** Dan il-*item* se jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 8. Banda Belġjana

**8.1** Il-Kunsill approva s-somma ta' €800 bħala ħlas għal marċ u kunċert mtella' mill-banda Royal Philarmonie Concordia, banda Belġjana, fit-8 ta' Awwissu 2010.

## 9. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet

**9.1** Il-Kunsillier Grech, issekondat mill-Kunsillier Cassar, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| A Montebello Tyres | 4 *tyres* u 2 *rims* għall-vann | 233.64 |
| Busy Bee | Gateau | 32.00 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Apr 10 ( 68 hrs X €5.83/hr) | 396.44 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Mejju 10 ( 42 hrs X €5.83/hr) | 244.86 |
| Caruana Bros Diesel Station | Petrol għall-pompa tal-ilma 24.05.10 (No 55) | 15.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel u petrol għall-mutur 26.05.10 (No 56) | 19.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel u petrol għall-mutur 01.06.10 (No 57) | 51.30 |
| Caruana Bros Diesel Station | Żejt għall-vann | 14.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 16.06.10 (No 63) | 42.60 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Mejju 10 | 1257.26 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Mejju 10 | 225.40 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Mejju 10 | 626.39 |
| Digitone | 24 Port 10/100 Switch għall-kompjuter | 60.00 |
| Digitone | Par speakers għall-kompjuter | 15.00 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Mejju 10 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Mejju 10 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Mejju 10 | 58.23 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Ġunju 10 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Ġunju 10 | 58.23 |
| Fogg Insurance | *Insurance claim - excess* | 153.07 |
| GO | 21659555, Mejju 10 | 24.06 |
| GO | 21652525, Mejju 10 | 329.60 |
| GO | 21650937, Mejju 10 | 98.11 |
| GO | 21652392, Kera Ġunju 10 | 15.11 |
| GO | 21652218, Kera Ġunju u Lulju 10 | 11.95 |
| G4S | *Cash-in-transit* Mejju 10 | 22.83 |
| J & A General Operations | Trasport - Laqgħa tal-MEPA Phoenicia 20.05.10 | 82.60 |
| Jason Gauci | Gazzetti Mejju 10 | 77.31 |
| Jason Gauci | Gazzetti Gunju 10 | 87.16 |
| Joseph Cassar | Ħasil tal-Pjazza u mili tal-ġibjun 30.04.10 | 46.73 |
| Joseph Cassar | Mili tal-ġibjun 11.05.10 | 68.72 |
| Joseph Cassar | Tisqija tal-palm u mili tal-ġibjun 27.05.10 | 46.73 |
| Joseph Cassar | Tisqija tal-palm u mili tal-ġibjun 29.05.10 | 46.73 |
| Joseph Cassar | Tisqija tal-palm 04.06.10 | 46.73 |
| Karmenu Mercieca | Jum Marsaxlokk, Ftuħ tas-Sala tal-Iskola | 100.00 |
| M G Pulis | Tiswijiet tal-pompa tal-ilma | 117.10 |
| Marcomp Computer Systems | Kompjuter ġdid għall-iskrivan | 499.00 |
| Miller Distributors | Kotba għall-Librerija | 120.80 |
| Nexos | Manutenzjoni tad-dwal tat-toroq Apr u Mejju 10 | 497.79 |
| Nexos | SLPM Reporting System 2010 | 233.64 |
| Patrick Cellars | Ilma | 28.00 |
| Roc-a-go | Skip il-Magħluq 10.06.10 | 59.00 |
| Silvio Camilleri | 10 tankijiet blu (litter bins) | 80.00 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 50.01 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 115.05 |
| Waste Oils Company Limited | Ġbir ta' żejt użat | 354.00 |
| WasteServ | *Landfill Tipping Fees Apr* 10 | 1630.67 |

| | | |
|---|---|---|
| Water Services Corporation | Konsum attwali ta' dawl u ilma Winch Room 2, 13 Sep - 24-Nov-10 | 95.45 |
| Water Services Corporation | Konsum attwali ta' dawl Winch Room 1, 13 Sep - 24-Nov-10 | 78.66 |
| Water Services Corporation | Konsum ta' dawl u ilma Winch Room 1, 13 Sep - 24-Nov-10 | 148.85 |
| Water Services Corporation | Konsum attwali ta' ilma Winchroom, 13 Sep - 24 Nov 10 | 43.50 |
| Water Services Corporation | Konsum attwali ta' dawl Ġnien il-Familja, 13 Sep - 24-Nov-10 | 374.50 |
| | **Total** | **€18122.24** |

**9.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**10.** **<u>Affarjiet Oħra</u>**

**10.1** Qabel ma bdiet din il-laqgħa, il-Kunsill kellu laqgħa mas-Sinjura Eleanor Ciantar mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjiet Rurali dwar il-Festa tat-Tonn li l-Ministeru qiegħed jippjana li ssir nhar is-Sibt, 7 ta' Awwissu 2010. Il-Kunsill aċċetta li jkun responsabbli għall-ftuħ tal-latrini pubbliċi u għat-tindif.

**11.** Il-laqgħa spiċċat fis-6.00 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, is-6 ta' Lulju 2010.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**